A.L. 323 ta' l-2005

KODIĊI ĊIVILI
(KAP. 16)

Ordni ta' l-2005 dwar Rati ta' Mgħax (Transazzjonijiet Finanzjarji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1855A(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, bil-parir tal-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel dan l-Ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2005 dwar Rati ta' Mgħax (Transazzjonijiet Finanzjarji). Titolu.

2 F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra – Tifsir.

"transazzjonijiet finanzjarji" tfisser:

(a) kuntratti għal-*differences*, *derivative contracts* inklużi *options, forwards, swaps,* kuntratti fuq bdil ta' valuta barranija u kull ftehim simili;

(b) transazzjonijiet ta' self ta' titoli, ftehim ta' bejgħ u xiri lura, kull ftehim dwar *repurchase* u *reverse repurchase* u kull ftehim ieħor simili;

(ċ) obbligazzjonijiet marbutin ma' l-għemil ta' kull attiv, baskett ta' kapital attiv, flus, indiċi, dritt jew obbligazzjoni, kull prezz, valur, formula jew referenza għal kull valur rikonoxxut minn suq ieħor;

(d) ftehim dwar *prime brokerage* u kull ftehim ieħor magħmul minn skemi ta' investiment kollettiv, dwar l-amministrazzjoni, l-immaniġġar jew il-kustodja ta' l-attiv ta' investimenti kollettivi;

(e) self, *overdrafts* u kull ftehim jew faċilità finanzjarja oħra li jsiru bil-għan ta', jew b'konnessjoni ma', xi transazzjoni speċifikata fis-sub-paragrafi (a) sa (d) hawn qabel;

(f) garanzija, *suretyship,* indennizz, assigurazzjoni u impriżi simili oħra li jsiru għal skop ta', jew b'konnessjoni ma', xi transazzjoni speċifikata fis-sub-paragrafi (a) sa (d) hawn qabel; u

(g) sigurtajiet, ipoteki u piżijiet oħra u kull ftehim kollaterali ieħor, sew jekk b'mod ta' trasferiment ta' titolu jew mod ieħor, li jsiru għal skop ta', jew b'konnessjoni ma', xi transazzjoni speċifikata fis-sub-paragrafi (a) sa (d) hawn qabel;

"entità magħżula" tfisser:

(a) awtorità pubblika, inklużi:

(i) korpi fis-settur pubbliku fdati jew li jintervjenu fl-immaniġġar ta' dejn pubbliku; u

(ii) korpi fis-settur pubbliku awtorizzati li jżommu kontijiet għall-klijenti:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "awtorità pubblika" ma tinkludix intrapriżi garantiti publikament, li jkunu kumpanniji jew entitajiet oħra li l-obbligazzjonijiet tagħhom huma bil-liġi garantiti mill-Gvern, ħlief għal dawk li jaqgħu fit-tifsira ta' paragrafi (b) sa (i) ta' din it-tifsira;

(b) bank ċentrali, il-Bank Ċentrali Ewropew, *Bank for International Settlement*, bank ta' żvilupp multilaterali, il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank ta' Investiment Ewropew;

(ċ) istituzzjoni ta' kreditu kif imfissra fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/12/KE, inklużi l-istituzzjonijiet mniżżla fl-artikolu 2(3) ta' dik id-Direttiva;

(d) ditta ta' investiment kif imfissra fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KE ta' l-10 ta' Mejju, 1993 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam ta' titoli;

(e) istituzzjoni finanzjarja kif imfissra fl-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 2000/12/KE;

(f) impriża ta' l-assigurazzjoni kif imfissra fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KE tat-18 ta' Ġunju, 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u

disposizzjonijiet amministrattivi dwar l-assigurazzjoni diretta għajr l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u impriża ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja kif imfissra fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE ta' l-10 ta' Novembru, 1992 fuq il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi dwar l-assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja;

(g) impriża għal *collective investments in transferable securities (UCITS)* kif imfissra fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru, 1985 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi dwar impriżi għal *collective investments in transferable securities (UCITS)*;

(h) kull skema oħra ta' investiment kollettiv li jkollha liċenza, tkun rikonoxxuta jew b'xi mod ieħor eżenti taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, jew b'xi mod ieħor li jkollha liċenza jew tkun awtorizzata minn awtorità barranija f'ġurisdizzjoni rikonoxxuta; Kap. 370.

(i) kumpannija ta' tmexxija kif imfissra fl-Artikolu 1a(2) tad-Direttiva 85/611/KEE kif emendata bid-Direttiva 2001/107/KE; jew

(j) *central counterparty, settlement agent* jew *clearing house* u persuna, li mhix persuna naturali, li taġixxi f'kapaċità fiduċjarja jew rappreżentattiva f'isem xi persuna waħda jew aktar li jinkludu *bondholders* jew detenturi ta' forom oħra ta' dejn ipotekat jew istituzzjonijiet kif imfissra f'paragrafi (a) sa (i);

"ġurisdizzjoni rikonoxxuta" tfisser kull pajjiż li għandu miżuri leġislattivi u ta' infurzar għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni ta' kummerċ finanzjarju kif imiss, fil-qjies tas-sħubija ta' dak il-pajjiż fi, jew kull dikjarazzjoni jew akkreditament minn, organizzazzjoni internazzjonali li tistabilixxi livelli li huma aċċettati fil-kamp internazzjonali għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni ta' kummerċ finanzjarju jew xort'oħra skond ma jista' jiġi approvat mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

3. Id-disposizzjoni ta' l-artikolu 1855A(1) tal-Kodiċi Civili qiegħda hawn tiġi estiża: Estensjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1855A tal-Kodiċi Ċivili.

(a) għal djun u obbligazzjonijiet oħrajn li jiġu minn transazzjonijiet finanzjarji fejn xi waħda mill-partijiet tkun entità msemmija kif imfisser f'dan l-Ordni u li jkollha liċenza jew li tkun

xort'oħra topera f'Malta jew f'ġurisdizzjoni rikonoxxuta jew meta t-transazzjoni tkun approvata mill-Bank Ċentrali ta' Malta skond l-artiklu 4 ta' dan l-Ordni;

(b) għal djun u obbligazzjonijiet oħrajn mnissla mill-iffinanzjar jew l-operazzjoni ta' ajruplani, ukoll meta marbutin b'ipoteka ta' l-ajruplani reġistrati f'Malta;

(ċ) b'żjieda ma' l-obbligazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1852(5) tal-Kodiċi Ċivili, għal kull dejn jew obbligazzjoni tkun li tkun, jekk din tiġi minn self għall-użu (*mutuum*), garanzija, indennizz, *suretyship* jew xort'oħra, meta:

i. dawk l-obbligazzjonijiet joriġinaw minn xi liġi ta' pajjiż ieħor li ma jkunx Malta, jew ikunu regolati minn dik il-liġi; u

ii. ir-rata ta' mgħax u, jew ta' mgħaxijiet komposti jkunu skond il-kundizzjonijiet tas-suq li jkunu jeżistu f'dak il-pajjiż l-ieħor jew skond kundizzjonijiet tas-swieq internazzjonali; u

iii. l-ammont ikun maħruġ f'munita u jkollu jitħallas fi flus barranin,

hekk li d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, sakemm dawn jagħmlu limitu jew jirrestrinġu kemm jintalab jew xi tkun ir-rata ta' mgħax u ta' mgħax kompost, ma jkunux japplikaw għal dawk id-djun u obbligazzjonijiet.

Transazzjoni finanzjarja magħmula minn aktar minn parti waħda.

4. Meta transazzjoni finanzjarja ssir bejn żewg partijiet jew iktar li ħadd minnhom ma jkun entità magħżula, id-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 3(1) ta' dan l-Ordni għandu jkun japplika biss jekk it-transazzjoni tiġi approvata mill-Bank Ċentrali ta' Malta wara li ssir applikazzjoni bil-miktub minn xi parti fit-transazzjoni, u wara li tiġi ppreżentata dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta.